MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2003

Appell Civili Numru. 105/1996/1

**Emmanuel u John Aquilina ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Sand & Gravel Limited.**

**vs**

**Alfred Fabri fil-kwalita` tieghu ta' Charmain ghan-nom u in rapprezentanza tal-Awtorita` tal-Ippjanar**

**u**

**Godwin Cassar fil-kwalita` tieghu ta' Direttur tal-Ippjanar ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp.**

**Il-Qorti;**

**I <u>Preliminari</u>**

1. l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar kienet harget erba’ (4) Avvizi biex tieqaf u ta’ twettiq respittivament fit-13 ta’ Frar 1995, 22 ta’ Frar 1995, 27 ta’ April 1995 u 1 ta’ Gunju 1995. Emanuel u John Aquilina f’isem Sand & Gravel Ltd (“l-appellant”) kienu appellaw minnhom quddiem il-Bord ta’ l-Appell Dwar l-Ippjanar (“il-Bord”). Fil-mori ta’ l-appell, l-appelli rigward l-ewwel zewg avvizi fuq imsemmija gew irtirati u l-Bord ghalhekk kien baqaghlu jinvestiga u jiddeciedi l-appelli relattivi ghall-avvizi li hargu rispettivament fis-27 ta’ April 1995 u fl-1 ta’ Gunju 1995.

2. Il-Bord iddecieda dan iz-zewg appelli fit-12 ta’ Marzu 1996, b’decizjoni wahda.

3. L-ewwel appell (numru 245/95E) kien jikkoncerna avviz biex tieqaf u ta’ twettiq tas-27 ta’ April 1995 li fih gie allegat illi l-appellant bena kmamar, garaxxijiet platform tal-konkos u boundary wall minghajr permess f’sit f’Wied Incita, Triq ir-Rabat, Attard. Dwar dana l-appell il-Bord ippronunzja ruhu bil-mod segwenti:-
“Il-Bord huwa tal-fehma li ghandu jikkonferma l-avviz biex jieqaf u ta’ twettiq li jirrigwardja l-appell numru 245/95E peress li huwa minnu li sar l-izvilupp imsemmi fl-istess avviz. Dan il-Bord seta’ jikkonstatah kemm waqt l-acces kif ukoll mix-xhieda prodotti mill-partiijet u mill-fatt li l-istess appellant ma pproduca l-ebda permess li a bazi tieghu huwa seta’ jaghmel l-izvilupp hawn fuq imsemmi. Mill-banda l-ohra l-Bord jinnota li hemm applikazzjoni pendenti sabiex l-appellant ikun jista’ jibni l-kmamar u l-boundary wall halli jirregolarizza l-pozizzjoni tieghu liema applikazzjoni ghadha ma gietx deciza mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp. Ma rrizultax lill-Bord izda li l-appellant issottometta applikazzjoni sabiex ikun jista’ jirregolarizza l-kumplament ta’ l-izvilupp imsemmi fl-avviz biex jieqaf u ta’ twettiq u cjoe` l-garaxxijiet u l-platform tal-konkos;

Ghal dawn il-motivi, il-Bord wara li ra d-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (6) ta’ l-artikolu 52 ta’ l-Att ta’ l-1992 dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp, huwa sodisfatt li l-izvilupp imsemmi fl-ewwel appell u cjoe` dak numru 245/95E mhuwiex munit bil-permess relattiv izda peress li hemm applikazzjoni ghall-permess ghall-izvilupp pendenti, il-Bord huwa tal-fehma li l-esekuzzjoni ta’ l-avviz ta’ twettiq ghandha tigi sospiza fir-rigward tal-kmamar u tal-boundary wall filwaqt li fir-rigward tal-platform u tal-garaxxijiet tigi konfermata u tigi fis-sehh fi zmien sittax-il gurnata mil-lum stante li l-applikazzjoni fuq imsemmija sal-lum ma tinkludix tali zvilupp;

Il-Bord ghalhekk, wara li ra d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (7) ta’ l-artikolu 52 ta’ l-Att ta’ l-1992 dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp jordna li l-avviz ta’ twettiq jigi fis-sehh, fir-rigward tal-kmamar u tal-boundary wall fi zmien sittax-il gurnata mid-data tar-rifjut ta’ l-applikazzjoni numru PA 4863/94 mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp, jew, f’kaz ta’ appell minn dak ir-rifjut quddiem dan il-Bord, fi zmien sittax-il gurnata mid-dat tar-rifjut dwar l-imsemmija applikazzjoni minn dan il-Bord u, f’kaz ta’ appell quddiem il-Qorti ta’ l-Appell, fi zmien sittax-il gurnata mid-data tar-rifjut ta’ l-appell dwar l-imsemmija applikazzjoni mill-Qorti ta’ l-Appell u jordna ukoll lid-Direttur ta’ l-Ippjanar sabiex jaghti l-istruzzjonijiet necessarji sabiex l-applikazzjoni ghall-permess ghall-izvilupp in kwistjoni PA 4863/94 tigi pprocessata u riferita lill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp fi zmien xahar mil-lum halli din il-Kummissjoni tkun tista’ tiddeciedi l-mertu taghha;”

It-tieni appell, cjoe` dak li jgib in-numru 320/95E, l-appellant jappella minn avviz biex tieqaf u ta’ twettiq iehor, cjoe` dak datat 1 ta’ Gunju 1995 li fih gie allegat illi l-appellant ghamel zvilupp minghajr permess inkluz xoghol ta’ inginerija fuq is-sit indikat u cjoe` f’sit f’Wied Incita, Attard. Ghalhekk il-Bord dehrelu li kellu jistharreg jekk l-appellant ghamilx xoghol ta’ inginerija fuq is-sit indikat kif ukoll xoghol ta’ zvilupp iehor apparti dak gja` imsemmi fl-appell 248/95E. Il-Bord iddecieda hekk:-

“Il-Bord jinnota li l-izvilupp li qed isir fis-sit mertu ta’ dan l-appell huwa ta’ barriera. Min-natura taghha barriera bilfors tirrekjedi li jsir fiha xoghol ta’ inginerija. Ma jirrizultax lil dan il-Bord li l-appellant ghandu permess mill-Awtorita` ta’ l-Ippjanar biex jaghmel xoghol ta’ inginerija ghalkemm l-appellant esebixxa l-licenzji kollha li huwa ghandu minghand il-Puluzija sabiex ikun jista’ jopera l-barriera in kwistjoni. Mill-banda l-ohra l-Assistent Kummissarju Maurice Borg informa lill-Bord li l-appellant ma kellux licenzja minghand il-Pulizija ghall-appart li huwa kien xtara recentament sabiex ikun jista’ jipproduci l-concrete blocks bih;

Il-Bord ma jaqbilx li l-installazzjoni u l-operazzjoni ta’ makkinarju biex jipproduci l-concrete blocks jikkostitwixxi xoghol ta’ inginerija. Is-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 30 ta’ l-Att Numru I ta’ l-1992 jiddifinixxi “zvilupp” bhala “l-eghmil ta’ xoghol ta’ bini, inginerija, thaffir u xoghol iehor ghal kostruzzjoni, demolizzjoni jew tibdil f’art, jew fuqha jew ’l fuq minnha jew tahtha, jew kull bidla sostanzjali fl-uzu ta’ l-art jew bini …”;

L-espressjoni “xogholijiet ta’ inginerija” hija definita fl-artikolu 2 ta’ l-imsemmi Att bhala li “tinkludi l-formazzjoni jew it-tqeghid ta’ toroq u ta’ mezzi ta’ access ghal toroq.” Il-makkinarju in kwistjoni ma jikkostitwixxix xogholijiet ta’ inginerija ghalkemm jaqa’ taht id-definizzjoni aktar wiesa’ ta’ zvilupp. Ix-xogholijiet ta’ inginerija li ghamel l-appellant jikkonsistu fl-ghoti tat-tarmarc lit-toroq tal-barriera halli ma jkunx jista’ jtir it-trab meta jghaddu t-trakkijiet u vetturi ohra mit-toroq gol-barriera. Madankollu, l-installazzjoni tal-makkinarju li jipproduci l-concrete blocks ma jaqax taht din id-definizzjoni imma taht dik ta’ thaffir peress li din hija a mining operation;

Ghal dawn il-motivi, il-Bord huwa tal-fehma illi l-izvilupp li sar mill-appellant konsistenti fl-ghoti tat-tarmarc lit-toroq interni tal-barriera jikkostitwixxi xogholijiet ta’ inginerija filwaqt li l-uzu ta’ makkinarju sabiex jipproduci bricks jikkostitwixxi zvilupp konsistenti fi thaffir, liema zvilupp jirrekjedi permess skond l-artikolu 30 ta’ l-Att ta’ l-1992 dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp. Il-Bord jinnota li f’dan il-kaz,

l-appellant ghadu ma applikax sabiex ikun jista' jottjeni tali permess u lanqas ghandu permess minghand il-Pulizija sabiex ikun jista' jopera l-impjant in kwistjoni. Il-Bord ghalhekk, wara li ra d-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (6) ta' l-artikolu 52 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp jikkonferma l-avviz biex tieqaf u ta' twettiq, jichad l-appell numru 320/95E u jordna li l-avviz in kwisjtoni ghandu jigi fis-sehh fi zmien sittax-il gurnata mil-lum."

## II L-Appell

4. L-appellant hassu aggravat mid-decizjoni imsemmija tal-Bord u appella minnha quddiem din il-Qorti izda limitatament biss fil-konfront tad-decizjoni tal-Bord in kwantu tikkoncerna l-appell numru 320/95E. Infatti, l-appellant talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma d-decizjoni appellata tal-Bord billi filwaqt illi tikkonfermaha fil-parti taghha fejn cahdet l-appell numru 245/95E u tikkonfermaha fil-parti taghha fejn iddecidiet illi l-istallazzjoni u l-operazzjoni ta' makkinarju biex jipproducu l-concrete blocks ma jikkostitwix xoghol ta' inginerija; tapparta l-konkluzjoniiet minnha raggunti illi l-ghoti ta' tarmac lit-toroq tal-barriera tal-appellanti jikkostitwixxi xogholijiet ta' inginerija; tapparta l-konkluzjonijiet minnha ragguni illi l-istallazzjoni u l-operazzjoni tal-makkinarju li jipproduci l-concrete blocks tikkostitwixxi thaffir; u konsegwentement thassar u tannulla l-Avviz ta' Twaqqif u ta' Twettiq data 1 ta' Gunju 1995 li dwaru gie interpost l-appell numru 320/95E, bl-ispejjez kontra l-appellati.

5. L-appellati kkontestaw l-appell. Huma spjegaw ghaliex fil-fehma taghhom id-decizjoni tal-Bord kienet gusta u timmerita konferma, u talbu li dina l-Qorti tichad l-appell u tikkonferma d-decizjoni appellata fl-intier taghha.

## III Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

6 Fl-ewwel lok irid jigi rillevat li l-appellant ma intavola l-ebda appell mid-decizjoni tal-Bord, in kwantu tolqot l-Avviz biex tieqaf u ta' twettiq li l-Awtorita` bl-Ippjanar harget kontra l-appellant fis-27 ta' April 1995 (appell numru

245/95E). Ghalhekk, id-decizjoni relattiva tal-Bord, in kwantu tolqot dan l-Avviz, ghandha tigi konfermata. Skond in-nota ta' sottomissjonijiet risponsiva ta' l-Awtorita ta' l-Ippjanar tal-4 ta' Ottubru 2002, l-applikazzjoni numru 4863/94 (li kienet intiza biex tissanzjona l-kmamar u l-boundary wall):
"ma gietx accettata u ma gie interpost l-ebda appell mid-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp u ghaldaqstant dan ir-rifjut sar wiehed finali."

L-istess nota tirreleva li l-izvilupp kollu msemmi fl-avviz tas-27 ta' April 1995, u cjoe` l-platform tal-konkos, boundary wall, garaxxijiet u kmamar huma kollha illegali stante li m'humiex koperti b'permess. Din l-informazzjoni ma giet bl-ebda mod kontestata mill-appellant. Ghalhekk billi l-istrutturi kollha imsemmija fl-avviz imsemmi m'humiex koperti bil-permess tal-Awtorita` ta' l-Ippjanar, l-istess avviz ghandu jigi fis-sehh kif ordna il-Bord, b'dana li l-eskuzzjoni relattiva ghandha tigi fis-sehh fi zmien sittax (16) – il gurnata mid-data ta' din is-sentenza.

7. Il-Qorti sejra tghaddi fit-tieni lok, biex tindaga dwar il-meritu proprju tal-odjern appell. Dan jikkoncerna it-tieni avviz biex tieqaf u tat-twettiq, cjoe` dak li nhareg fl-1 ta' Gunju 1995, fejn gie allegat li l-appellant ghamel zvilupp minghajr permess, inkluz xoghol ta' inginerija fuq is-sit in kwistjoni.

8. L-appellati jidher li lmentaw minn zewg tipi ta' zvilupp li ma kienux koperti b'permess. Kien hemm il-kwistjoni tal-kisi bit-tarmac tat-toroq interni tal-barriera u kien hemm il-kwistjoni dwar l-istallazzjoni u l-operazzjoni ta' makkinarju biex jipproduci "concrete blocks". Il-Qorti sejra titratta qabel xejn din l-ahhar imsemmija kwistjoni cjoe` dwar jekk l-istallazzjoni u l-operazzjoni ta' l-impjant ghall-produzzjoni ta' "concrete blocks" huwiex zvilupp li jirrikjedi permess. Il-Bord esprima l-fehma li, dan ma kienx jikkostitwixxi xoghol ta' inginerija, pero`, l-Bord iddecieda li xorta kien jaqa' that id-definizzjoni ta' zvilupp skond l-artikolu 30 (2) tal-Att Nurmu I ta' l-1992, billi kien jinvolvi t-thaffir, peress li din kienet a "mining operation". Ghalhekk, il-Bord qies li dan l-izvilupp kien jinhtieglu permess. Billi l-appellant ma

kellux tali permess mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar u lanqas kellu permess minghand il-Pulizija sabiex ikun jista' jopera l-istess impjant, il-Bord ikkonferma l-Avviz relattiv biex tieqaf u tat-twettiq.

9. L-appellant ikkritika din il-konkluzjoni tal-Bord minn diversi angoli. L-appellant qali li huwa ressaq prova cara u inkonfutabbli li kellu permess tal-pulizija (permess numru P3000/73) "proprju ghall-imanufatturar ta' "concrete blocks" minghajr ebda limitazzjoni ta' tip jew horse power ta' makkinarju. L-appellant ghalhekk illamenta li l-Bord ma kienx intitolat li jikkonkludi li l-appellant ma kellux licenzja tal-Pulizija sabiex huwa jkun jista' jopera l-impjant in kwistjoni.

10. Din il-Qorti, kif qalet bosta drabi f'sentenzi ricenti, ghandha gurisdizzjoni limitatissima biex tissindaka d-decizjonijiet tal-Bord. Infatt, skond l-artikolu 15 (2) tal-imsemmi Att, <u>decizjonijiet tal-Bord fuq kwisjtonijiet ta' fatt ma jistghux jigu riveduti minn din il-Qorti</u>. Il-gurisdizzjoni statutorja taghha f'appelli skond l-imsemmi Att, hija limitata <u>ghall-kwistjonijiet ta' dritt li jkunu gew decizi mill-Bord.</u> Isegwi li din il-Qorti ma tistax tiddisturba l-apprezzament tal-provi li ghamel il-Bord u ghalhekk id-decizjoni fattwali tal-Bord dwar l-ezistenza o meno tal-licenzja tal-Pulizija ghanha titqies bhala konkluzjoni finali.

11. L-appellant jikkritika d-decizjoni tal-Bord minn angolu iehor. Huwa jghid li huwa jinsab kopert
"b'kull peremess necessarju ghall-operazzjoni ta' barriera mill-Puluzija u ghalhekk, la darba hawn non si tratta ta' xoghol li jinvolvi estenzjoni 'l barra mill-konfini tal-barriera, ma hemmx necessitajiet ta' permessi ghall-izvilupp mill-appellati."

12. Skond din is-sottomissjoni tal-appellant, la darba hu ghandu licenzja mill-pulizija biex jopera barriera, huwa jista' jaghmel kull tip ta' zvilupp (kif definit fil-ligi in kwistjoni) minghajr il-bzon ta' permezz ghal zvilupp minghand l-Awtorita` ta' l-Ippjanar. Din hija sottomissjoni evidentement zbaljata ghax tmur diametrikament kontra l-artikolu 30 tal-imsemmi Att. Ghalhekk, wiehed kellu

jistharreg jekk l-istallazzjoni u l-operazzjoni tal-impjant biex jigu prodotti “concret blocks” jaqghux fl-ambitu ta’ l-operazzjoni ordinarja ta’ barriera jew jekk huwiex zvilupp li jirrikjedi permess.

13. Evidentement, din ukoll hija kwistjoni prattikament ta’ fatt li d-decizjoni li wasal ghaliha l-Bord dwarha, hija wahda finali u ma tistax tigi sindakata minn din il-Qorti. Jirrizulta li l-Bord ma laqghax it-tezi tal-appellant, fir-rigward ta’ din il-kwisjtoni.

14. L-appellant jikkritika din id-decizjoni tal-Bord billi jasserixxi li
“filwaqt illi l-eskluzjoni netta da parti tal-Bord ta’ Appell tal-allegazzjoni illi l-istallazzjoni u l-operazzjoni tal-impjant ghall-imanufatturar tal-bricks jikkostitwixxi xoghol ta’ ingenerija hija gusta u timmerita piena konferma, il-konkluzjoni minnu raggunt illi tal-impjant jaqa’ taht id-definizjoni u l-applikazzjoni tat-terminu zvilupp fil-Ligi, in kwantu si tratta ta’ a mining operation hija ghal kollox errata u infondata sia fil-fatt u kif ukoll fid-dritt;”

15. Din il-Qorti jkollha tistqarr, li fl-ipotesi li hija kellha l-ahhar kelma kienet forsi tasal li ssib “bidla sostazjali fl-uzu tal-art” [art 30(2)], izda difficilment kienet tasal biex tikkondividi l-konkluzjoni tal-Bord li l-istallazzjoni u thaddim ta’ makkinarju li jaghmel il-bricks tal-concrete tista tiddefinih bhala “a mining operation”. Pero`, sfortunatament ghall-appellant, hawn si tratt ta’ kwistjoni ohra ta’ fatt u ghalhekk il-konkluzjoni tal-Bord fir-rigward hija wahda finali u mhix sindakabbli minn din il-Qorti.

16. Fuq dan il-punt, l-appellati irribattew li l-Bord huwa kompost ukoll minn zewg periti teknici li jiddeciedu a bazi tal-esperjenza taghhom u fuq dak li effettivament raw waqt l-access. Din is-sottomissjoni saret mill-appellati espressament minghajr pregudizzju ghal kwisjtoni li hawn si tratt ta’ kostatazzjoni ta’ fatti li mhumiex sindakabbli minn din il-Qorti.

17. Illi din il-Qorti ezaminat l-aggravji kollha li ressaq l-appellant dwar din il-kwistjoni u tikkonkludi li l-ebda wiehed minnhom ma huwa legalment fondat.

18. Il-Qorti sejra issa tghaddi biex tinvestiga t-tieni tip ta' zvilupp li l-appellati ilmentaw minnu u cjoe` il-kisi tat-toroq interni fil-barriera bit-tarmac. L-appellati jsostnu li dan kien "zvilupp" li kien jirrikjedi permess mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar. Il-Bord laqa' din it-tezi ghax ikkonsidra li dan ix-xoghol kien jikkostitwixxi "xoghol ta' inginerija". Il-Bord irrefera ghad-definizzjoni tal-frasi "xogholijiet ta' inginerija" moghtija fl-artikolu 2 tal-imsemmi Att bhala li tinkludi "il-formazzjoni jew it-tqeghid ta' toroq u ta' mezzi ta' access ghal toroq".

19. L-appellant ma qabilx ma din l-interpretazzjoni tal-ligi li ta l-Bord. Huwa jsostni li l-kliem uzati mil-ligi fl-imsemmija definizzjoni jindikaw li hemm referenza ghal toroq godda u mhux ghal toroq gja` ezistenti bhal dak mertu tal-kaz odjern. L-appellati min-naha l-ohra, irribattew hekk:
"Madanakollu fil-kaz odjern wiehed ma jistax jikkonkludi illi l-passaggi minn fejn kienu jghaddu l-vetturi fl-istess barriera jikkostitwixxu "toroq"! Dawn kienu semplicement moghdijiet jew passaggi u mhux toroq".

Billi hawn si tratt ta' interpretazzjoni ta' definizzjoni li l-ligi stess taghti, din il-Qorti jidhrilha li hemm involuta kwistjoni ta' dritt li tidhol pienament fil-gurisidzzjoni revizjoniali ta' din il-Qorti. Jidher li bhala fatt il-Bord sab li verament t-toroq li gew mibnija bit-tarmac kienu diga jezistu. Infatti, l-Bord ikkummenta li t-tarmac inghata proprju biex jelimina l-inkonvejent tat-titjir tat-trab meta jghaddu l-vetturi mit-toroq tal-barriera.

20. L-allegazzjoni tal-appellati li dawn ma kienux jikkostitwixxu "toroq", izda kienu semplicement moghdijiet jew passaggi, ftit li xejn taghmel sens fil-ligi. Dana proprju ghaliex l-istess artikolu 2 jaghti din id-defenizzjoni tal-kelma "triq":
" triq tfisser kull triq principali jew triq, sew pubblika jew privata, u tinkludi kull triq, pjazza, bitha, sqaq, pont,

passagg bir-rigel, passagg jew moll, sew jekk jghaddi t-traffiku minnhom jew jew jekk le”.

21. Din il-Qorti jidhrilha li f’dan il-kaz partikolari l-kisi tat-toroq interni tal-barriera bit-tarmac ma kienux “xoghol ta’ inginerija” fis-sens tal-ligi. Dana mhux biss billi dawn ix-xogholijiet ma jistghux jitqiesu li huma l-istess haga bhal, jew li huma inkluzi fil-kliem, “formazzjoni jew it-tqeghid ta’ toroq” – li fit-test Ingliz tigi tradotta “the formation or laying out of roads”, izda principalment ghax l-ghoti ta’ tali tarmac f’sitwazzjonijiet bhal fil-kaz odjern ma jidher li kien jinnecessita ebda sengha ta’ inginerija – mekkanika, civili, elettrika, navali ecc. Ghalhekk, ma jidhirx li l-Bord iddecieda din il-kwistjoni ta’ dritt korrettement. Konsegwentement l-aggravju relattiv tal-appellant huwa fondat u hemm lok li jintlaqa’.

22. Ghal dawn il-motivi:

Tilqa’ l-appell in parte, fis-sens li:

(a) Tirrevoka u thassar id-decizjoni appellata tal-Bord fejn dan ikkonferma l-avviz tal-1 ta’ Gunju 1995 fil-konfront ta’ l-ghoti tat-tarmac lit-toroq interni tal-barriera – billi dan ix-xoghol ma kienx xoghol ta’ inginerija, u

(b) Tikkonferma d-decizjoni appellata fil-kumplament kollu taghha (u cjoe` fejn din ikkonfermat l-avviz tas-27 ta’ April 1995 fil-konfront tal-istrutturi kollha hemm imsemmija kif ukoll fejn din ikkonfermat l-avviz tal-1 ta’ Gunju 1995 fil-konfront biss tal-istallar u thaddim tal-impjant ghall-produzzjoni tal-concrete blocks) – b’dana li t-terminu ta’ sittax-il gurnata stabbilit mill-Bord biex l-istess avvizi jigu fis-sehh, ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza odjerna.

L-ispejjez, fir-cirkostanzi jithallsu kwantu ghal terz ($^{1}/_{3}$) mill-appellati u kwantu ghal zewg terzi (2/3) mill-appellanti.

---------------------------------TMIEM---------------------------------